MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 259/2009

**A B**

**-vs-**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Liliana Buhagiar b’digriet tal-24 ta’ Settembru 2008 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-esponenta kienet izzewget bir-rit civili fil-25 ta’ Ottubru 2001 u dan bin-numru progressiv 1809/2001 **Dok. ‘A’**.

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-partijiet damu flimkien ghal circa sitt (6) xhur, liema perjodu kien ghal kollox mimli b'tensjoni fejn huma ma setghux ikomplu flimkien. Illi bhala konsegwenza, l-istess konvenut abbanduna d-dar matrimonjali u l-esponenta m'ghandha l-ebda idea fejn qed joqghod l-istess konvenut u jekk hux Malta jew barra minn Malta. Illi di piu', l-istess attrici ilha ma tara lill-konvenut biex b'hekk ilha ma tisma' b'ahbaru tul dan il-perjodu kollu.

Illi hi ta' relevanza l-fatt li l-attrici hi omm ta' tifel li kellha minn relazzjoni ohra qabel iz-zwieg bl-isem "**E**" liema tifel ghandu bzonnijiet specjali u jirrikjedi attenzjoni partikolari u kontinwa, tant li tul il-perjodu li l-partijiet ilhom ma jaraw il-xulxin, l-esponenta bl-isforzi taghha, xtrat vettura apposta ghall-bzonnijiet ta' binha E liema vettura giet akkwistata bl-ghajnuna tal-awtoritajiet kompetenti inkluz id-Dwana u l-Community Chest Fund. Illi di piu', l-istess attrici sselfet flus minghand terzi biex b'hekk ghandha dejn f'dan ir-rigward **Dok. 'C' sa Dok. 'H'**.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante l-abbandun totali tal-konvenut u li x'aktarx hu assenti minn dan il-pajjiz, l-istess konvenut qatt ma baghat ghajnuna finanzjarja jew ta kaz il-bzonnijiet tal-familja tieghu biex b'hekk jidher b'mod car abbandun totali mill-obbligi tieghu bhala ragel mizzewweg lill-esponenta. Illi bhala konsegwenza, iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'mod li l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibli.

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz tad-digriet moghti fil-21 ta' Lulju 2009, **Dok. 'B'**.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tippronunzja u tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat;

Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti b'tali mod li l-initmat jitlef kull jedd li ghandu fuq nofs l-akkwisti li saru bil-hidma tal-esponenta rikorrenta, illi f'din id-dikjarazzjoni, stante li l-vettura **Toyota Fun Cargo** inxtrat b'dejn minhabba l-bzonnijiet specjali tat-tifel '*E*' **li ma jigix it-tifel tal-konvenut**, din il-vettura tigi estromessa ghal kollox u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi u/jew fin-nuqqas, tigi dikjarata favur l-attrici ad eskluzjoni tal-konvenut;

Tapplika kontra l-intimat l-effetti tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tinnomina n-Nutar **Dr. Alexandra Micallef** bhala **Nutar Pubbliku** sabiex tircievi u tippublika relattiv u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att jekk ikun il-kaz;

Tordna r-registrazzjoni tas-sentenza ta' separazzjoni fir-Registru Pubbliku ta' Malta a tenur tal-Artikolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu gew mahtura l-Avukat Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar biex jirraprezentaw lill-assenti C D.

Rat it-twegiba mahlufa tal-fuq imsemmija kuraturi li in forza taghha eccepew:

Illi qabel xejn huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza;

Illi fi kwalunkwe kaz, a) ghal dak li jirrigwarda t-3 talba vettura mixtrija fiz-zwieg taqa' fil-komunjoni tal-akkwisti hlief li l-Qorti tassenjaha kif jidhrilha xieraq;

b) ghal dak li jirrigwarda l-5 talba solitament l-ghazla tan-nutar tithalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' April 2010, fejn il-kawza giet differita sine die peress illi ma kien sar ebda progress fiha u ma kinux tressqu l-provi.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' April 2010, li permezz tieghu, il-Qorti, fuq talba tar-rikorrenti, regghet appuntat il-kawza ghall-kontinwazzjoni.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti rnexxielha, permezz tal-provi prodotti, tipprova dak li tallega u cioe' li zewgha huwa hati ta' abbandun. Dan l-agir huwa aktar u aktar ta' min jistmerru meta wiehed iqis li r-rikorrent hija omm ta' iben bi bzonnijiet specjali, ghalkemm dan mhux wild ta' zewgha.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja l-firda bejn A B u C D;

2. Tilqa' t-tieni talba u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'dana illi kull parti thallas id-djun minnha maghmula;

3. Tordna li l-vettura Toyota Fun Cargo tigi assenjata lir-rikorrenti mara;

4. Tapplika fil-konfront ta' C D, il-provvediment tal-Art. 48, 50 u 51 tal-Kap. 16;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames u sitt talba ghaliex superfluwi.

L-ispejjez jithallsu minn C D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------